MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1781/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Albert Caligari Conti u l-istess Albert Caligari Conti**

**vs**

**Carmel Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-22 ta' Lulju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltija u seba' centezmi (Lm224.07) u dana kwantu ghas-somma ta' mija u disgha u disghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm199.07) lis-socjeta` attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur Albert Caligari Conti rapprezentanti**

**danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DAU-174 fis-16 ta' April, 2001, fil-limiti tal-Valletta habat mal-vettura numru DCC-895 proprjeta` ta' Albert caligari Conti u kkaguna danni f'din l-istess vettura;**
**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjez, komrizi dawk tal-ittra legali datata 12 ta' Dicembru, 2001, u tal-parir (Lm15.00) u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta' Awissu, 2002 fejn intqal illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali de quo kien jahti l-eccipjent.**

**Semgha x-xhieda ta' Simona Caligari Conti, Rita Bonello, PS 57 Raymond Caruana, PC 84 Derek Anastasi, Carmel Falzon u Stella Falzon.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda dan minn incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' April, 2001, fil-carpark ta' hdejn il-Mall tal-Floriana, bejn il-vettura numru DCC-895 proprjeta` ta' Albert Caligari Conti misjuqa minn Simona Caligari, u l-vettura numru DAU-174 misjuqa minn Carmel Falzon. L-inicdent gara kmieni wara nofsinhar.**
**2. Skond il-versjoni moghtija mill-partijiet lill-pulizija, il-konvenut jghid li kien parkeggjat u kien qed jirriversja biex johrog mill-parkegg, Il-konvenut jghid li ma rax vetturi gejjin, sema' twerzieqa u grat il-habta. Simona Caligari tghid li kienet qed issuq fil-carpark, meta rat fil-mera tal-lemin il-vettura l-ohra tregga lura**

**fin-naha tal-lemin taghha. L-istat ta' kif spiccaw il-vetturi huwa indikat fl-iskizz Dok.B li sar.**

**3. Dwar l-iskizz Simona Caligari ma dehrliex li l-karrozza taghha kienet daqshekk maqlugha l-barra, u indikat dan lill-Pulizija.**

**4. Simona Caligari kienet qed tfittex post fejn tipparkja, u fil-karozza maghha kien hemm ohta Rita Bonello. Hi tghid li rat ventura gejja b'velocita b'lura ghal fuqha, u ma setghetx tevitaha. Hi intlaqtet fuq quddiem fuq ir-rota in-naha tal-lemin, u tghid li kellha xi hsara fil-bieba wkoll.**

**5. Rita Bonello tghid li lill-konvenut ratu diehel fil-karrozza, u ratu isuq b'lura b'sahha, u huma bdew jaghjtu u hu waqaf. Qalet li meta rawh iregga lura ippanikjaw, u ghajtu, u ma paqpqux.**

**6. Jigi rilevat li r-road accident report sar mis-Surgent a bazi ta' dak li rrapportalu PC 84 Derek Anastasi. Il-kuntistabbli xehed dwar l-iskizz u r-rapport u kellu mieghu n-notamenti li ha. Dan ikkonferma li l-vettura ta' l-attrici kien sabha oltre l-linja l-bajda medjana, u li necessarjament biex iddur kellha taqbez din il-linja b'xi ftit.**

**7. Il-konvenut kien parkeggjat wiccu lejn il-hajt, u kien ser jirriversja. Huwa hares fil-mera u ma kien hemm xejn warajh, u rriversja bid-dritt, meta fsalt semgha ghajta u sehhet il-habta. Il-konvenut jghid li kien qed jregga lura bil-mod hafna. Din il-versjoni hi konfermata minn mart il-konvenut Stella Falzon li kienet mieghu fil-karrozza.**

**8. Skond mart il-konvenut, ma kienetx Simona Caligari Conti li kienet qed issuq, izda l-ohra li kienet maghha, cioe` ohta Rita Bonello.**

**9. Mill-provi jirrizulta li ma hux minnu li l-konvenut kien qed iregga lura b'xi velocita`. Dana qed jinghad, in kwantu meta sehhet il-kollizjoni l-konvenut kien ghadu bilkemm hareg mill-post tal-parkegg, waqqaf malli semgha l-ghajjat, u fil-fatt d-daqqa kienet minima. Huwa minnu li Simona Caligari kellha taqbez il-linja l-bajda medjana biex iddur, u ghalhekk meta din qed taghmel dan, messa kienet aktar attenta, specjalment in vista tal-fatt li kienet konxja li l-konvenut kien ser iregga lura, tant li, kif xehdet Rita**

**Bonello, rawh diehel fil-karrozza, u allura kienu jafu bih u setghu jipprevedu il-manuvra legittima li kien ser jaghmel il-konvenut. Ghandu jinghad ukoll li jirrizulta li l-konvenut fil-fatt saq lura fid-dritt u hares fil-mera qabel ma ghamel hekk, u hareg minn postu bid-debita diligenza. Simona Caligari, da parti taghha naqset ukoll meta din lanqas ma paqpqet il-horn meta ratu qed iregga lura.**
**10. Ghalhekk, in vista ta' dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal ma jsib ebda negligenza fis-sewqan tal-konvenut.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident de quo kienet tahti unikament Simona Caligari, bint l-attur, it-Tribunal qed jichad t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------